SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

**LAQGĦA NUMRU 4510**

Ilum il-Ħamis, 30 ta’ Settembru 2010
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea u Joseph Bonello.

**SKUŻATA**

Il-Kunsilliera Paulette Gafa` f’ittra li bagħtet lis-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba problemi personali.

**TALBA**

Peress li s-Sindku kellu jasal xi ftit tard, il-Viċi Sindku qal it-talba. Filfatt is-Sindku wasal fil-5.25p.m.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 4410 li saret nhar it-Tnejn, 23 ta’ Awwissu 2010 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 Mill-Minuti

### 1.1.1 *Sinjali tat-traffiku*

Il-Viċi Sindku semma l-*parking bays* li kellhom isiru fi Triq l-Istefanotis u Triq Dun M. Mifsud. Il-Kunsillier Bonello semma wkoll il-*bollard* u l-*yellow junction* li kellha ssir fi Triq Tursin il-Bir. Is-Segretarja Eżekuttiva nfurmat li x-xogħol huwa kollu ordnat.

### 1.1.2 *Tea Room fi Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għal minuta 3.6 u staqsiet dwar il-laqgħa li kellha ssir mal-perit dwar il-proposta tat-*Tea Room* fi Ġnien is-Serenita'. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li l-perit ħareġ b'żewġ għażliet, waħda li ssir tinda tal-*canvas* jew li ssir ta' l-injam u li tkun taqbel ma' l-estetika tal-post. Hija qalet li fir-rigward tat-tinda tal-*canvas* il-perit qal li din probabilment ma tiġiex aċċettata u fir-rigward li t-tinda ssir ta' l-injam huwa qal li tkun trid tnejn jew tlett ijiem jekk din tkun trid tiġi żarmata. Il-Kunsill qabel li jimxi fuq it-tieni għażla jiġifieri li jipproponi li din it-tinda ssir ta' l-injam anki jekk ikun hemm bżonn ta' tlett ijiem biex din tiżżarma.

### 1.1.3 *Bin-on-wheels fi Pjazza Dorell*

Il-Kunsilliera Caroline Galea tkellmet dwar il-*bin-on-wheels* li tpoġġa fl-*area* ta' Pjazza Dorell għall-użu tas-sidien tal-ħwienet. Hija qalet li kemm ilu hemm dan il-*bin* tressaq minn post għal ieħor u spiċċa aktar viċin in-nies. Hija qalet li qed jitħallew boroż ta' l-iskart madwaru u reġa' qed ikun hemm miżbla bħal ma kien ikun hemm qabel. Hija qalet li ma toġġezzjonax għall-i*skip* imma għal post. Il-Viċi Sindku qal li s-Sindku pprova jsib soluzzjoni. Huwa qal li l-Kunsilli kienu mwegħdin żewġ *green wardens* għal kull lokalita' biex ikunu sorveljanti fuq min jabbuża. Huwa qal li dawn setgħu jsolvu dawn il-problemi iżda minn dan kollu ma mmaterjalizza xejn.

Is-Sindku li wasal f'dak il-ħin qal li tal-ħwienet huma mgħoqdijijn b'dan il-*bin*. Huwa qal li fejn il-ħwienet ta' Triq Ineż Soler hemm bżonn *bin* ieħor. Huwa kompla jgħid li hemm bżonn li l-Kunsill ikun aktar viġilanti fuq min jabbuża. Ġie deċiż li l-Kunsill jikri s-servizz ta' *green wardens* biex jindirizza din il-problema.

### 1.1.4 *Librerija Pubblika*

Il-Kunsilliera Galea rreferit għal minuta 4.7 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet għal aktar informazzjoni dwar il-librerija pubblika. Is-Sindku qal li mill-informazzjoni li għandu jidher li l-Gvern jagħti sa €400 fis-sena għal librerija pubblika. Huwa qal li biex jinstab post addattat fejn tista' ssir librerija l-Kunsill irid joħroġ *notice of interest.* Il-Kunsill qabel li jipproċedi dwar din l-inizjattiva.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-23 ta' Awwissu 2010 u t-30 ta' Settembru 2010 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1150/10/O – Awtorita' Dwar it-Trasport – Reviżjoni tas-sistema tat-traffiku f'Santa Luċija

- 1227/10/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1252/10/I – *Memo* 126/2010 – Attivitajiet fil-lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund

- 1255/10/I – Awtorita' tad-Djar – *Upgrading Works in Housing Estates*

- 1265/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – korsijiet *Lifelong Learning*

- 1270/10/I – Fondazzjoni IDEAT – Seminar Anzjanita

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:*

- *Memo* SLLC 11/2010 – Ħinijiet tax-Xogħol
- *Memo* SLLC 12/2010 – Manutenzjoni ta' Toroq

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1252/10/I ġie nnutat li l-Kunsill diġa qed jorganizza l-kunċert tal-Milied li ser isir fl-14 ta’ Diċembru 2010 b’risq il-Community Chest Fund.

**3.2** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1255/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li ċ-Chief Executive Officer tal-Awtorita’ tad-Djar kien talab li jiltaqa’ miegħu biex flimkien jaraw kif jistgħu itejbu l-kwalita ta’ l-*upgrading works* li jsiru fil-*housing estates*.

**3.3** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1265/10/I il-Kunsill ġie nfurmat li peress li m’applikawx biżżejjed mill-lokal ta’ Santa Luċija biex jingħaqdu klassijiet, id-Direttorat tat-Tagħlim Tul il-Ħajja ser jinforma lir-residenti li jekk iridu jistgħu jattendu dawn il-lezzjonijiet f’xi Ċentru tal-*evening classes*. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li fir-rigward tal-korsijiet tal-*computer* mhux ser ikunu parti minn din l-iskema u li aktar informazzjoni ser tingħata aktar ‘il quddiem.

**3.4** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1270/10/I il-Kunsillier Joe Bonello kien ser jattendi għal seminar organizzat mill-fondazzjoni IDEAT dwar l-Anzjanita.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

## 4.1 *Ċentru tal-Komunita'*

Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ambizzjuż li għandu l-Kunsill biex jinbena ċentru tal-komunita' f'Santa Luċija. Huwa tkellem dwar il-possibilita' li l-Kunsill jieħu *long term loan* biex iwettaq dan il-proġett. Huwa qal li jekk il-Kunsill jaqbel ma' din il-proposta jibda l-proċess neċessarju biex naslu għal dan il-proġett. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta. Għaldaqstant ġie deċiż li titlesta stima dettaljata ta' dan il-proġett, isiru taħdidiet mal-banek u jsir referendum fejn il-komunita' tiddeċiedi jekk il-Kunsill għandux jidħol għal dan il-proġett.

## 4.2 *Devoluzzjoni tal-parking area f'Dawret it-Torri*

Is-Sindku tkellem dwar in-nuqqas ta' garaxxijiet li hawn f'Santa Luċija. Huwa qal li xtaq jagħmel proġett li jinkludi l-bini ta' garaxxijiet u *parking spaces*. Huwa rrefera għal *parking area* li hemm f' Dawret it-Torri ħdejn il-każin tal-Partit Nazzjonalista u qal li fl-opinjoni tiegħu din l-*area*, minħabba d-dislivell eżistenti, hija ideali biex fuqha jsir dan il-proġett fejn jinbnew il-garaxxijiet u fuqhom issir il-*parking area* bħal m' hemm fil-preżent. Il-Kunsill qabel li għandu jibda l-proċess biex il-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni ta' din il-*parking area*.

## 4.3 *Traffiku – Ħruġ minn Santa Luċija*

Is-Sindku qal li kellu nformazzjoni dwar xi proġetti li ser isiru mill-Awtorita' Dwar it-Trasport u li ser jaffettwaw il-lokalita' ta' Santa Luċija. Huwa qal li bħala *long term project* jista' jkun hemm proġett ta' mina li tibda minn nofs Vjal Santa Luċija u tagħti għal ħdejn il-*Junior Lyceum* ta' *St Benedict College*. Huwa qal li bħala *short term project* ser issir *junction* quddiem il-ħruġ u d-dħul li hemm fi Triq Katerina Vitale ħdejn l-iskola. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħt ittra lill-Awtorita' Dwar it-Trasport li tgħid li l-Kunsill qed iħares lejn dawn il-proġetti bħala xi ħaġa li ser iżżid is-sigurta fis-sistema tat-traffiku u jipproponi li l-ħruġ għal fuq *Xintill roundabout* isir dħul, filwaqt li d-dħul minn Luqa Bye-Pass isir ħruġ u fi Triq Katerina Vitale jibqa ħruġ u dħul.

## 4.4 *Monument ta' kommemorazzjoni*

Is-Sindku rrefera għal 50 anniversarju mit-twaqqif tal-komunita' ta' Santa Luċija li jaħbat is-sena d-dieħla. Huwa ppropona li jsir monument kommemorattiv fi Pjazza 7 ta' Lulju. Filfatt is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill *sketch* ta' dan il-monument ta' l-artist, is-Sur P Vella Critien u spjega li l-istima tal-partijiet taċ-ċeramika inkluża l-isfera tammonta għas-somma ta' €1200. Huwa qal li l-ispiża tal-pedestall tal-ġebel titla konsiderevoli, għaldaqstant kien ser jipprova jibgħat il-mudell tiegħu ċ-Ċina biex jara jistgħax jinħadem hemm bi spiża aktar baxxa.

## 4.5 *Wifi fi Pjazza 7 ta' Lulju*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li mil-llum beda jaħdem is-servizz tal-Wifi fi-Pjazza 7 ta' Lulju.

**4.6 *Tqassim ta' boroż griżi mill-Green MT***

Is-Sindku nforma li fuq talba tal-Kunsill il-kumpanija Green MT kienet ser tibda tqassam boroż griżi b' xejn lir-residenti. Huwa qal li l-għan huwa li n-nies jiġu motivati aktar biex jirriċeklaw l-iskart li jkollhom.

**4.7 *Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf***

Is-Sindku rrefera għal *memo* 73/2010 u nforma l-Kunsill li l-Bord ta' l-Evalwazzjoni kien iddeċieda li jagħti lil Kunsill €1000 bħala assistenza finanzjarja fir-rigward ta' l-inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.

**4.8 *Żjara minn Delegazzjoni Ċiniża***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ż-żjara li kellha tagħmel delegazzjoni Ċiniża tħassret.

**4.9 *Oħrajn***

- Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien ser ikun imsiefer mit-Tnejn, 4 ta' Ottubru sal-Ħamis, 7 ta' Ottubru 2010 u mill-Ħadd, 10 ta'Ottubru sat-Tnejn, 11 ta' Ottubru 2010.

- Is-Sindku nforma l-Kunsill li saret talba biex jinżabru siġar madwar il-*ground* tal-*football*. Għandha ssir talba biex jinżabru siġar f'Dawret it-Torri u siġra kbira f'parapett fi Vjal l-Oleandri.

- Il-Viċi Sindku qal li kien ser jorganizza ħarġa kulturali fix-xahar ta' Ottubru 2010.

**5. AFFARIJIET FINANZJARJI**

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru 3218 sa numru 3271 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Awwissu (CM45(01) u (02)).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 4410.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Settembru 2010 Ammont *Gross* €5166.72

### 5.3 *Appovazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Ammont €** |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/01 | Serv.Awwissu10 | 2826.25 |
| Ronald Bezzina | SLLC(Q) 57/10/06 | Serv.*Bowser*-Awwissu10 | 240.00 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | Serv.Awwissu10 | 507.73 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | *Extra Service* Awwissu10 | 150.00 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | Serv.Awwissu10 | 1131.53 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv.Awwissu10 | 2016.50 |

## 6. RAPPORT FINANZJARJU 01/04/2010 – 30/06/2010

Is-Segretarja Eżekuttiva resqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju li jkopri d-dħul u l-infieq tal-Kunsill fl-ewwel tlett xhur tas-sena finanzjarja. Għal din il-laqgħa kien hawn presenti l-*accountant* tal-Kunsill li ta spjegazzjoni ta' dan ir-rapport u wieġeb għad-domandi kollha li sarulu mill-Kunsilliera. Fil-kummenti tiegħu l-*accountant* qal li mill-bidu tas-sena l-Kunsill nefaq €8,268.31 aktar milli daħħal peress li sar xogħol ta' *upgrading* ta' bankini fl-ewwel tlett xhur tas-sena. Huwa qal li bħalissa l-*available funds* li għandu l-Kunsill jammontaw għal €37,000.

## 7. XOGĦOLIJIET

**7.1** ***Triq Ineż Soler***

Is-Sindku rrefera għal programm ta' l-Awtorita' tat-Trasport dwar ir-rikostruzzjoni ta' toroq residenzjali li kellhom jitlestew sas-sena 2008. Huwa semma li f' Dawret it-Torri u Vjal l-Oleandri l-affarijiet ma sarux sew u Triq Ineż Soler baqgħat ma saritx. Huwa ppropona li l-Kunsill iġib stima tax-xogħol involut biex issir parti minn Triq Ineż Soler minn Triq il-Peprin sa Triq Ġuljetta Lopez. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**7.2** ***Dawret it-Torri***

Il-Kunsilliera Caroline Galea semmiet il-problema tal-*gutter* f'Dawret it-Torri. Is-Sindku rrefera għall-artiklu li deher fil-gazzetta l-Kulħadd dwar din il-problema u qal li l-*gutter* ingħalaq minn kuntrattur ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport u mhux ser jagħmel ix-xogħol il-Kunsill. Ġie deċiż li terġa' tintbagħt ittra lil Awtorita' Dwar it-Trasport dwar din l-problema.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-problema ta' l-ilma tax-xita li jinżel minn Dawret it-Torri quddiem il-Knisja. Ġie propost li ssir *road hump* quddiem il-Knisja li tkun ukoll *zebra crossing* u sservi biex ittaffi l-problema għal min ikun irid jaqsam it-triq waqt li tkun nieżla ix-xita.

**7.3** ***Ġibjun f'Wied Garnaw***

Is-Sindku rrefera għal ġibjun ta' Wied Garnaw u ppropona li dan il-ġibjun jissaqqaf u fuqu jsir *tennis court*. Il-Kunsill qabel li din il-proposta tintbagħt lil Malta Resource Authority.

**7.4** ***Triq iż-Żnuber***

Is-Sindku rrefera għal *gutters* ta' l-ilma li saru fi Triq iż-Żnuber u spjega li filfatt dawn saru mill-Kuntrattur skond il-liġi u dak ir-resident li miss il-*gutter* biex jirranġah għamlu kontra l-liġi. Huwa ppropona li biex ikunu aktar effiċjenti għandu jsir *slot* fil-*cover* tal-*gutter* biex jgħaddi l-ilma. Il-Kunsill qabel li jinħareġ *works order* biex il-kuntrattur Karmig jagħmel *reinstatement* fuq xogħolijiet li għamlet il-WSC fi Triq il-Gardenja u fi Vjal l-Oleandri u tal-*gutters* fi Triq iż-Żnuber.

**7.5** ***Oħrajn***

- Il-Kunsill qabel li ssir talba għal *bracket* bil-lampa ma' dar numru 16 fi Triq iż-Żnuber.

- Il-Kunsill qabel li ssir *reserved parking* fil-*parking area* ta' Triq Tursin il-Bir.

- Il-Kunsill qabel li jiġu ordnati *laminated stickers* biex jiġu nnumerati l-*brackets* bil-lampi.

- Il-Kunsill laqa' talba ta' resident fi Triq Ineż Soler li talab biex issir olterazzjoni fuq il-bankina. Is-Sindku qal li kellu *site meeting* ma' dan ir-resident u kien spjegalu kif irid jaqleb il-kurduna.

- Il-Viċi Sindku ppropona li jsir *doggie bin* fi Triq il-Ġilju quddiem il-ħwienet.

## 8. TMIEM

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 25 ta' Ottubru 2010 fil-5.30p.m

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** it-Tnejn, 25 ta' Ottubru 2010

**Frederick Cutajar**
**Sindku**